

Il-Ġurnal Uffiċjali

C 155 A

tal-Unjoni Ewropea



Volum 53

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

15 ta' Ġunju 2010

Avviż Nru

Werrej

Pàgna

V Opinjonijiet

PROCEDURE AMMINISTRATTIVI

Il-Kummissjoni Ewropea

2010/C 155 A/01	DĠ għall-Politika dwar il-Klima — Pubblikazzjoni ta' post vakanti għall-kariga ta' Konsulent Prinċipali (Grad AD 14) (L-Artikolu 29 (2) tar-Regolamenti tal-Persunal) — COM/2010/10271	1
2010/C 155 A/02	DĠ ECFIN — Pubblikazzjoni ta' post vakanti għal kariga ta' Direttur (Grad AD 14) — Direttur Ġenerali ECFIN.EFC-EPC (il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju — il-Kumitat tal-Politika Ekonomika) (L-Artikolu 29(2) tar-Regolamenti tal-Persunal) — COM/2010/10272	6

MT

Prezz: 3 EUR

V

(Opinjonijiet)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

DĠ GĦALL-POLITIKA DWAR IL-KLIMA

Pubblikazzjoni ta' post vakanti għall-kariga ta' Konsulent Prinċipali (Grad AD 14)**(L-Artikolu 29 (2) tar-Regolamenti tal-Persunal)****COM/2010/10271**

(2010/C 155 A/01)

Min aħna

Id-DĠ għall-Politika dwar il-Klima qiegħed ifittex Konsulent Prinċipali li se jikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-DĠ:

- Li jżomm iż-żieda fit-temperatura medja globali taħt iż-2 gradi Celsius meta mqabbla mal-livelli pre-industrijali.
- Li jiżviluppa l-istrateġija tal-UE dwar il-klima għal ekonomija u soċjetà b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u reżistenti għat-tibdil fil-klima, għat-tfassil tal-politika domestika kif ukoll għan-negozjati internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima.
- Li jaħdem sabiex jilħaq l-impenn tal-UE li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra b'mill-inqas 20 % sal-2020 permezz tal-implimentazzjoni ta' taħlita effiċjenti ta' strumenti ta' politika differenti.
- Li jippromwovi l-integrazzjoni tal-aspetti kollha tal-politiki dwar il-klima, jiġifieri t-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-adattament għat-tibdil inevitabbli fil-klima fl-oqsma kollha ta' politika rilevanti.
- Li jinkoraġġixxi l-innovazzjoni, it-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien ta' xogħlijiet ġodda billi jippromwovi d-dimostrazzjoni u t-tixrid ta' teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju kif ukoll teknoloġiji ta' adattament.

Għal aktar dettalji żur il-websajt tagħna (http://ec.europa.eu/dgs/environment/index_en.htm).

X'qegħdin noffru

Il-pożizzjoni ta' Konsulent Prinċipali, li għandu jaħdem f'diversi oqsma ta' politika koperti mid-DĠ u li għandu jressaq flimkien l-analiżi u l-konklużjonijiet dwar firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet u domandi inter-relatati. Il-kompitu ewlieni tal-Konsulent Prinċipali se jkun li jsaħħaħ u li jagħti pariri rigward in-negozjati internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima u s-sħubijiet tal-UE ma' pajjiżi terzi dwar it-tibdil fil-klima. Huwa/Hija għandu/għandha jaħdem/taħdem f'kooperazzjoni u f'koordinazzjoni mill-qrib flimkien mad-Direttur responsabbli mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kummissjoni għan-Negozjati Internazzjonali dwar il-Klima.

Barra minn hekk, il-Konsulent Prinċipali għandu jikkontribwixxi fil-koordinazzjoni interna tad-DĠ u fit-titjib tal-integrazzjoni tal-prijoritajiet tat-tibdil fil-klima f'politiki ta' Komunitajiet oħrajn, bħal per eżempju:

- il-politiki mal-UE kollha dwar it-tibdil fil-klima u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE relevanti, eċċ.;
- is-sistemi ta' enerġija sostenibbli, enerġija li tiġġedded u effiċjenza fl-enerġija, eċċ.;
- il-mobilità u t-trasport sostenibbli, eċċ.;
- l-adattament effettiv għat-tibdil fil-klima, eċċ.;
- it-tibdil fil-klima u l-kompetittività, per eżempju ħarsa lejn l-eko-effiċjenza, l-ispejjeż tal-ħsara ambjentali, il-kompromess bejn il-benefiċċji ambjentali u dawk ekonomiċi, ir-rabta mal-istrategġja tal-Ewropa tal-2020 għat-tkabbir u l-impjiegi eċċ.

Qegħdin infittxu (kriterji tal-għażla)

Se tingħata preferenza lill-kandidati li:

- għandhom għarfien tajjeb u estensiv ta' kwistjonijiet ta' politika dwar it-tibdil fil-klima;
- għandhom esperjenza internazzjonali ppruvata fil-koordinazzjoni ta' medda wiesgħa ta' kwistjonijiet ta' politika dwar it-tibdil fil-klima;
- għandhom livell għoli ta' esperjenza fl-integrazzjoni tal-politiki dwar it-tibdil fil-klima f'oqsma politiċi oħra;
- huma kapaċi juru:
 - ħiliet ta' negozjar ippruvati, b'mod partikolari fuq livell internazzjonali;
 - għarfien eċċellenti tan-negozjati internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima, inklużi l-kuntatti estensivi mal-partijiet interessati ewlenin u l-għarfien tagħhom;
 - ħiliet ta' komunikazzjoni eċċellenti;
 - għarfien tajjeb tal-ekonomija u tad-dinja tan-negozju.
 - għarfien eċċellenti tal-Istituzzjonijiet tal-UE u tal-politika tagħha dwar il-klima.
- Esperjenza fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' politiki effiċjenti u effettivi hija neċessarja.

Il-lingwi ta' ħidma tad-DĠ huma l-Ingliż u l-Franċiż. L-għarfien profond ta' dawn il-lingwi jkun ta' vantaġġ.

Il-Kandidati għandhom (kriterji ta' eliġibbiltà)

1. Ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE.
2. Ikollhom:
 - i) jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji li tlestew, iċċertifikati b'diploma, fejn il-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' erba' snin jew aktar;
 - ii) jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji li tlestew, iċċertifikati minn diploma, u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena, fejn il-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun mill-inqas ta' tliet snin.
3. Ikollhom mill-inqas **15-il** sena ta' esperjenza professjonali post-universitarja f'livell li l-kwalifiki msemmin hawn fuq jagħtu aċċess għalih; mill-inqas **5** snin minn din l-esperjenza professjonali għandhom ikunu nkisbu f'funzjoni manġerjali jew ta' konsulenza f'livell għoli ⁽¹⁾.
4. Ikollhom għarfien profond ta' tnejn mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għarfien adegwat ta' lingwa oħra minn-hom.
5. Ikunu ta' età li taqas taħt dik tal-irtirar li, għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hi definita bħala l-aħħar tax-xahar li fih il-persuna tagħlaq 65 sena (ara l-Art.52 lit (a) tar-Regolamenti tal-Persunal).

L-indipendenza u d-dikjarazzjoni tal-interessi

Il-kandidati huma mitluba jikkonfermaw il-volontà tagħhom li jagħmlu dikjarazzjoni tal-impenn tagħhom li jaġixxu b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u dikjarazzjoni ta' kwalunkwe interess li jista' jiġi kkunsidrat li jippreġudika l-indipendenza tagħhom.

Il-ħatra u l-kundizzjonijiet tal-impjieg

Il-Konsulent Prinċipali se jintgħażel u jinħatar mill-Kummissjoni skont il-proċeduri tagħha tal-għażla u r-reklutaġġ (ara wkoll id-Dokument ta' Kumpilazzjoni dwar il-Politika dwar Uffiċjali Għolja). Bħala parti minn din il-proċedura tal-għażla, il-kandidati li jissejħu għal intervista mill-Kumitat Konsultattiv tal-Kummissjoni għall-Ħatriet, ikollhom qabel din l-intervista, jattendu għal ġurnata sħiħa, f'ċentru ta' valutazzjoni mmexxi minn konsulenti esterni ta' reklutaġġ.

Il-kandidati huma ġentilment mgħarrfa li l-proċeduri tal-għażla ser isiru bl-Ingliż, bil-Franċiż u/jew bil-Ġermaniż biss ⁽²⁾.

Ir-rimunerazzjoni u l-kundizzjonijiet tal-impjieg huma daww stipulati fir-Regolamenti tal-Persunal applikabbli għall-uffiċjali fil-grad AD 14 tal-Komunitajiet Ewropej. Il-kandidati għandhom iqisu r-rekwiżit, skont ir-Regolamenti tal-Persunal, li kull membru ġdid tal-persunal irid jgħaddi b'suċċess minn perjodu ta' prova ta' disa' xhur.

⁽¹⁾ Fis-CV tagħhom, l-applikanti għandhom jindikaw għall-inqas għal dawn il-5 snin li fihom kisbu l-esperjenza manġerjali: (1) it-titlu u r-rwol tal-pożizzjonijiet manġerjali li kienu fihom, (2) in-numru ta' membri tal-persunal li kienu jiġġestjonaw f'dawn il-pożizzjonijiet, (3) id-daqs tal-baġits ġestiti, u (4) in-numru ta' livelli ġerarkiċi f'fuq u f'isfel u n-numru ta' membri tal-persunal fl-istess livell.

⁽²⁾ Il-bordijiet tal-għażla se jiżguraw li ma jingħata l-ebda vantaġġ lill-kelliema nattiv ta' dawn it-tliet lingwi.

Opportunitajiet indaqs:

L-Unjoni Ewropea tapplika politika ta' opportunitajiet indaqs.

Proċedura tal-applikazzjoni

Din il-pożizzjoni tista' tiġi ppubblikata fl-istess żmien ma' pożizzjonijiet oħra ta' uffiċjali għolja. Il-kandidati li jixtiequ japplikaw għal iżjed minn pożizzjoni waħda jridu jissottomettu applikazzjoni separata għal kull kariga.

Qabel ma tissottometti l-applikazzjoni tiegħek, għandek tiċċekkja b'attenzjoni jekk tissodisfax il-kriterji ta' eliġibilità kollha ("il-kandidati għandhom"), b'mod partikolari dawk rigward it-tipi ta' diplomi u l-esperjenza professjonali meħtieġa. Min ma jissodisfax dawn il-kriterji tal-eliġibilità jiġi eskluż awtomatikament mill-proċedura tal-għażla.

Jekk trid tapplika, għandek **tirreġistra permezz tal-Internet** billi tmur fuq il-websajt

<https://ec.europa.eu/dgs/human-resources/seniormanagementvacancies/>

u ssegwi l-istruzzjonijiet li jikkonċernaw id-diversi stadji tal-proċedura.

Hija responsabbiltà tiegħek li r-reġistrazzjoni onlajn tiegħek issir fil-ħin ⁽³⁾. Nirrakkomandaw bil-qawwi li ma tistennix sal-aħħar ftit jiem biex tapplika, għaliex konġestjoni kbira fuq l-Internet jew xi difett fil-konnessjoni tal-Internet tiegħek jistgħu jwasslu biex ir-reġistrazzjoni onlajn tiġi tterminata qabel ma tkun lestejtha, u b'hekk ikollok tirrepeti l-proċess kollu. Ladarba jkun skada ż-żmien għar-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni, ma tkun tista' ddaħħal l-ebda dejta. Bħala regola ġenerali, ir-reġistrazzjonijiet b'email normali li jaslu tard mhu-miex se jiġu aċċettati.

Irid ikollok indirizz tal-email validu. Dan l-indirizz jintuża biex tiġi identifikata r-reġistrazzjoni tiegħek kif ukoll biex tkun infurmat bir-riżultat tal-proċedura. Għalhekk, għandek tinforma lill-Kummissjoni Ewropea f'każ ta' xi bidla fl-indirizz tal-email tiegħek.

Biex l-applikazzjoni tiegħek tkun kompluta, jeħtieġ li tapplowdja curriculum vitae f'format word jew PDF fl-applikazzjoni tiegħek u li timla', onlajn, ittra ta' motivazzjoni (mhux iktar minn 8 000 karattru). Kemm is-CV kif ukoll l-ittra għandhom ikunu bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż.

Meta tlesti r-reġistrazzjoni onlajn tiegħek, inti tirċievi fuq l-iskrin in-numru tar-reġistrazzjoni li għandek tniż-żel u tiftakar — dan ikun in-numru ta' referenza tiegħek f'kull kwistjoni li tirrigwarda l-applikazzjoni tiegħek. Meta tirċievi dan in-numru, il-proċess tar-reġistrazzjoni jkun intemm — in-numru huwa l-konferma li aħna nkunu rreġistrajna l-informazzjoni li tkun daħħalt. **Jekk ma tirċievi l-ebda numru, l-applikazzjoni tiegħek ma tkunx ġiet irreġistrata!**

Jekk jogħġbok innota li **mhuwiex** possibbli li ssegwi l-progress tal-applikazzjoni tiegħek onlajn. Inti tiġi kkuntattjat/a dwar l-istat tal-applikazzjoni tiegħek direttament mid-DĠ li qiegħed jirrekluta.

⁽³⁾ Mhux aktar tard min-nofsinhar (12:00), ħin ta' Brussell, tat-13 ta' Lulju 2010.

Jekk għandek diżabbiltà li minħabba fiha ma tistax tirreġistra onlajn, tista' tibgħat l-applikazzjoni (is-CV u l-ittra ta' motivazzjoni) permezz ta' posta reġistrata ⁽⁴⁾, b'timbru postali b'data li ma tkunx aktar tard mid-data tal-għeluq tar-reġistrazzjoni. Kull komunikazzjoni sussegwenti bejnek u bejn il-Kummissjoni Ewropea tkun bil-posta. F'dan il-każ, mal-applikazzjoni tiegħek għandek tehmeż ċertifikat li jċertifika d-diżabbiltà tiegħek, maħruġ minn entità rikonoxxuta. Għandek isemmi wkoll, fuq karta separata, kull arranġament speċjali li taħseb li jkun meħtieġ biex jiffaċilita l-parteċipazzjoni tiegħek fl-għażla.

Għal aktar tagħrif u/jew fil-każ ta' problemi tekniċi, jekk jogħġbok ibgħat email lil: HR-A2-MANAGEMENT-ONLINE@ec.europa.eu.

Data tal-għeluq

Id-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni hija t-13 ta' Lulju 2010. Ir-reġistrazzjoni onlajn mhux se tkun possibbli wara nofsinhar (12.00) ħin ta' Brussell.

⁽⁴⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali Riżorsi Umani u Sigurtà, Unità għall-Persunal Eżekuttiv u Segretarjat CCA, COM/2010/10271, SC 11 8/47, B-1049 Brussels.

DĠ ECFIN**Pubblikazzjoni ta' post vakanti għal kariga ta' Direttur (Grad AD 14)****Direttur Ġenerali ECFIN.EFC-EPC (il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju — il-Kumitat tal-Politika Ekonomika)****(L-Artikolu 29(2) tar-Regolamenti tal-Persunal)****COM/2010/10272****(2010/C 155 A/02)****Min aħna**

Ir-rwol ewlieni tad-DĠ ECFIN huwa li jrawwem is-suċċess tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja sew fi ħdan, kif ukoll barra, mill-Unjoni Ewropea, billi javvanza l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, iwettaq sorveljanza ekonomika u jipprovdi evalwazzjoni tal-politika.

Fi ħdan id-DĠ ECFIN, is-Segretarjat isostni l-ħidma tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (EFC), il-Kumitat tal-Politika Ekonomika (EPC) u tal-Eurogroup. Is-Segretarjat qiegħed jorganizza u jħejji l-laqgħat tal-EFC u EPC u tas-Sotto-Kumitati u l-Gruppi ta' Ħidma tagħhom, li huma magħmulin minn Rappreżentanti mill-Ministerji tal-Finanzi u tal-Ekonomija u mill-Banek Nazzjonali Ċentrali. Id-DĠ jiehwa l-arranġamenti prattiċi ta' laqgħat bħal dawn, iħejji l-Presidenti permezz tal-forniment ta' materjal adattat li jagħti deskrizzjoni fil-qosor, iħejji noti dwar kwistjonijiet pendenti, termini ta' referenza u dokumenti oħra u jiżgura s-segwitu tal-laqgħat tal-Kumitat, b'mod partikolari vis-à-vis il-Kunsill Ecofin u l-Eurogroup.

X'qegħdin nipproponu

Il-pożizzjoni ta' Direttur tad-Direttorat ECFIN-EFC.EPC fid-Direttorat DĠ ECFIN. Ir-responsabbiltajiet tad-Direttur jinkludu:

- li jagħmilha Segretarju tal-EFC u l-EPC;
- li jippromwovi l-koordinazzjoni tal-politika ekonomika fi ħdan l-UE;
- li jiffaċilita t-tħejji tal-ħidma tal-Eurogroup u tal-Kunsill fl-oqsma ta' kompetenza tal-Kumitati;
- li jikkoordina l-ħidma tas-Segretarjat, li jsostni l-Presidenti tal-Kumitati u tal-gruppi ta' ħidma, iħejji rapporti, opinjonijiet u komunikazzjonijiet oħra tal-kumitati, jorganizza laqgħat u konsultazzjonijiet bil-miktub u jiżgura r-rappurtar dwar il-laqgħat tal-kumitat kif ukoll is-segwitu tagħhom;
- li jikkoordina l-ippjanar strateġiku tal-programm ta' ħidma tal-Kumitati, il-gruppi ta' ħidma u l-Eurogroup b'konsultazzjoni mill-qrib mal-Presidenti tal-Kumitati, il-Presidenzi, il-Kummissjoni, is-Segretarjat tal-Kunsill u l-BĊE.

Id-Direttur imexxi l-iżvilupp tal-attivitajiet tad-direttorat, jiżgura l-ippjanar effettiv tagħhom, il-prijoritizzazzjoni u l-ġestjoni kif suppost; jikkontrolla l-prestazzjoni tad-Direttorat u l-użu effettiv u effiċjenti tar-riżorsi tiegħu u jagħmel superviżjoni fuqhom; jikkoordina l-proċeduri amministrattivi tad-Direttorat u jagħmel superviżjoni fuqhom.

Is-Segretarju jaġixxi fuq l-istruzzjonijiet tal-Kumitati meta jkun qiegħed iwettaq ir-responsabbiltajiet tiegħu għall-Kumitat.

X'qegħdin infittxu

Preferenza se tingħata lil dawk il-kandidati li huma kapaċi juru l-karatteristiċi li ġejjin:

- esperjenza estensiva ta' tmexxija f'pożizzjonijiet manigġerjali fejn tintwera kapaċità li timmotiva u tispira tim ta' persunal bi kwalifiki għoljin;
- għarfien eċċellenti tal-qafas għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u t-tfassil istituzzjonali tal-EMU;
- sfond tajjeb fil-makro-ekonomija u kwestjonijiet dwar is-suq finanzjarju;
- esperjenza sostanzjali tal-metodi li bihom taħdem il-Kummissjoni u tar-relazzjonijiet interistituzzjonali;
- ħiliet ta' komunikazzjoni u ta' networking tajbin ħafna u kapaċità tajba li tiżgura koordinazzjoni dinamika effettiva interna u esterna;
- ġudizzju fil-politika tajjeb ħafna, fehmiet strateġiċi u kapaċità li jitressqu u jiġu implimentati ideat ġodda.

Il-lingwi ta' ħidma tad-DĠ huma l-Ingliż u l-Franċiż. Għarfien eċċellenti ta' dawn il-lingwi se jservi ta' vantaġġ.

Il-kandidati jridu (kriterji tal-eliġibbiltà)

1. Ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.
2. Ikollhom:
 - i) jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji li tlestew, iċċertifikati b'diploma, fejn il-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' erba' snin jew aktar;
 - ii) jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji li tlestew, iċċertifikati minn diploma, u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena, fejn il-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun mill-inqas ta' tliet snin.
3. Ikollhom minn tal-inqas 15-il sena esperjenza professjonali wara l-lawrja flivell li l-kwalifiki msemminjin hawn fuq jagħtu aċċess għalih. Mill-inqas 5 snin minn din l-esperjenza professjonali għandha tkun f'funzjoni manigġerjali ta' livell għoli ⁽¹⁾ u għandha tkun direttament relatata mal-qasam rilevanti għal din il-pożizzjoni.
4. Ikollhom għarfien tajjeb ħafna ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għarfien adegwat ta' lingwa uffiċjali oħra.
5. Ikunu ta' età li taqa' taħt dik tal-irtirar, li għal uffiċjali tal-Unjoni Ewropea hi definita bħala l-aħħar tax-xahar li fih il-persuna tagħlaq 65 sena (ara l-Art.52 lit (a) tar-Regolamenti tal-Persunal).

Indipendenza u dikjarazzjoni tal-interessi

Il-kandidati huma mitluba jikkonfermaw il-volontà tagħhom li jagħmlu dikjarazzjoni tal-impenn tagħhom li jaġixxu b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u dikjarazzjoni ta' kwalunkwe interess li jista' jiġi kkunsidrat li jippreġudika l-indipendenza tagħhom.

⁽¹⁾ Fis-CV tagħhom, l-applikanti għandhom jindikaw għall-inqas għal dawk is-5 snin li fihom kisbu l-esperjenza manigġerjali: it-titlu u r-rwol tal-pożizzjonijiet manigġerjali li kienu fiha, (2) in-numru ta' membri tal-persunal li kienu jamministraw f'dawn il-pożizzjonijiet, (3) id-daqs tal-baġits ġestiti, u (4) in-numru ta' livelli ġerarkiċi 'l fuq u 'l isfel u n-numru ta' persunal fl-istess livell.

Il-ħatra u l-kundizzjonijiet tal-impjieg

Id-Deputat Direttur-Ġenerali se jintagħżel u jkun maħtur mill-Kummissjoni skont il-proċeduri ta' għażla u reklutaġġ tagħha (ara wkoll id-Dokument ta' Kompilazzjoni dwar il-Politika dwar Uffiċjali f'Kariga Għolja). Bħala parti minn dan il-proċess tal-għażla, il-kandidati li jissejħu għal intervista mill-Kumitat Konsultattiv tal-Kummissjoni għall-Ħatriet, ikollhom jgħaddu, qabel din l-intervista, ċentru ta' valutazzjoni ta' ġurnata sħiħa mmexxi minn konsulenti esterni ta' reklutaġġ.

Il-kandidati huma ġentilment mgħarrfa li l-proċeduri tal-għażla ser isiru bl-Ingliż, bil-Franċiż u/jew bil-Ġermaniż biss ⁽²⁾.

Is-salarji u l-kundizzjonijiet tal-impjieg huma daww stipulati fir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali fil-grad AD 14 tal-Komunitajiet Ewropej. Il-kandidati għandhom iqisu r-rekwiżit għall-persunal ġdid kollu, taħt ir-Regolamenti tal-Persunal, li jgħaddu b'suċċess żmien ta' prova ta' disa' xhur.

Opportunitajiet indaqs

L-Unjoni Ewropea tapplika politika ta' opportunitajiet indaqs.

Proċedura tal-applikazzjoni

Din il-pożizzjoni qed tiġi ppubblikata b'mod parallel ma' numru ta' pożizzjonijiet oħra għal uffiċjali għolja. Il-kandidati li jixtiequ japplikaw għal iżjed minn pożizzjoni waħda jridu jissottomettu applikazzjoni separata għal kull kariga.

Qabel ma tissottometti l-applikazzjoni tiegħek, għandek tiċċekkja b'attenzjoni jekk tissodisfax il-kriterji ta' eliġibiltà kollha ("il-kandidati jridu"), b'mod partikolari rigward it-tipi ta' diplomi u esperjenza professjonali meħtieġa. Min ma jissodisfax dawn il-kriterji tal-eliġibiltà jiġi eskluż awtomatikament mill-proċedura tal-għażla.

Jekk trid tapplika, għandek **tirreġistra permezz tal-Internet** billi tmur fuq il-websajt

<https://ec.europa.eu/dgs/human-resources/seniormanagementvacancies/>

u ssegwi l-istruzzjonijiet li jikkonċernaw id-diversi stadji tal-proċedura.

Hija responsabbiltà tiegħek li r-reġistrazzjoni onlajn tiegħek issir fil-ħin ⁽³⁾. Nirrakkomandaw bil-qawwi li ma tistennix sal-aħħar f'ti jiem biex tapplika, għaliex konġestjoni fuq l-Internet jew xi difett fil-konnessjoni tal-Internet tiegħek jistgħu jwasslu biex ir-reġistrazzjoni onlajn tiġi tterminata qabel ma tkun lestejtha, u b'hekk ikollok tirrepeti l-proċess kollu. Ladarba jiskadi ż-żmien għas-sottomissjoni tar-reġistrazzjonijiet, ma tkunx tista' tibdel jew iżżid xi dejta. Bħala regola ġenerali, reġistrazzjonijiet bil-posta elettronika normali li jaslu tard mhumix se jiġu aċċettati.

Irid ikollok indirizz tal-email validu. Dan l-indirizz jintuża biex tiġi identifikata r-reġistrazzjoni tiegħek kif ukoll biex tkun infurmat bir-riżultat tal-proċedura. Għalhekk, għandek tinforma lill-Kummissjoni Ewropea f'każ ta' xi bidla fl-indirizz tal-posta elettronika tiegħek.

Biex l-applikazzjoni tiegħek tkun kompluta, jeħtieġ li tapplowdja CV fil-format ta' WORD jew PDF u li timla onlajn, ittra ta' motivazzjoni (massimu ta' 8 000 karattru). Kemm is-CV kif ukoll l-ittra jridu jkun bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż.

Meta tlesti r-reġistrazzjoni onlajn tiegħek, inti tirċievi fuq l-iskrin in-numru tar-reġistrazzjoni li għandek tiktbu u tiftakru — dan ikun in-numru ta' referenza tiegħek f'kull kwistjoni li tirrigwarda l-applikazzjoni tiegħek. Meta tirċievi dan in-numru, il-proċess tar-reġistrazzjoni jkun intemm — in-numru huwa konferma li aħna nkunu rreġistrajna l-informazzjoni li tkun daħħalt. **Jekk ma tirċievi l-ebda numru, l-applikazzjoni tiegħek ma tkunx ġiet irreġistrata!**

Ġentilment innota li **mhuwix** possibbli li ssegwi l-progress tal-applikazzjoni tiegħek online. Inti tiġi kkuntattjat/a dwar l-istat tal-applikazzjoni tiegħek direttament mid-DĠ li qiegħed jirrekluta.

⁽²⁾ Il-bordijiet tal-għażla se jiżguraw li ma jingħata l-ebda vantaġġ lil kelliema nattivi ta' dawn it-tliet lingwi.

⁽³⁾ Mhux aktar tard minn nofsinhar (12:00), ħin ta' Brussell, tat-13 ta' Lulju 2010.

Jekk tbat minn diżabbiltà li ma tippermettilekx tirreġistra onlajn, tista' tibgħat l-applikazzjoni (is-CV u l-ittra ta' motivazzjoni) fuq karti permezz ta' posta reġistrata ⁽⁴⁾, b'timbru postali b'data li ma tkunx aktar tard mid-data meta tagħlaq ir-reġistrazzjoni. Kull komunikazzjoni sussegwenti bejnek u bejn il-Kummissjoni Ewropea tkun bil-posta. F'dan il-każ, mal-applikazzjoni tiegħek għandek teħmeż ċertifikat li jiċċertifika d-diżabbiltà tiegħek, maħruġ minn entità rikonnoxxuta. Għandek isemmi wkoll, fuq karta separata, kull arranġament speċjali li taħseb li jkun meħtieġ biex jiffaċilita l-parteċipazzjoni tiegħek fl-għażla.

Jekk teħtieġ aktar tagħrif u/jew tiltaqa' ma' problemi tekniċi, jekk jogħġbok ibgħat e-mail lil HR-A2-MANAGEMENT-ONLINE@ec.europa.eu.

Kuntatt

Il-persuna ta' kuntatt għal informazzjoni addizzjonali: Marco Buti, tel. +32 2 29622 46/61734, e-mail: Marco.Buti@ec.europa.eu jew Linda CORUGEDO STENEBERG, tel. +2932 2 96383/58622, e-mail: Linda.Corugedo-Steneberg@ec.europa.eu

Data tal-għeluq:

Id-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni hija t-13 ta' Lulju 2010. Ir-reġistrazzjoni onlajn mhux ser tkun possibbli wara 12.00 nofsinhar ħin ta' Brussell.

⁽⁴⁾ Il-Kummissjoni Ewropea, Direttorat-Ġenerali Riżorsi Umani u Sigurtà, Unità tal-Persunal Eżekuttiv u s-Segretarjat tas-CAA, COM/2010/10272, SC 11 8/47, B-1049 Brussell.

REVIŻJONI TAL-ĠU C A “KOMPETIZZJONI”

Hawn taħt għandek issib il-lista ta' C A ppubblikati matul din is-sena.

Ħlief meta indikat mod ieħor, il-Ġurnali Uffiċjali huma ppubblikati fil-lingwi kollha.

5	(FR)
9	
19	(FR)
23	(DE/ES/PT)
28	
48	
53	
56	
57	
60	
61	(DE/EN/FR)
62	
64	
66	(BG/RO)
67	(ES)
70	(PT)
73	(FI)
74	(SV)
91	
95	
104	
110	
116	(ET)
119	
129	(EL)
137	(LT/LV/MT)
138	(BG/CS/LT/PL/RO/SK)
143	(DE/EN/FR)
144	(DE/EN/FR)
146	(DA/FI/MT)
147	(FI)
149	(IT)
150	(BG/CS/LT/PL/RO/SK)
151	
155	

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 100 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	770 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	300 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, b'ħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

